MT

# DIKJARAZZJONI TAT-TWAQQIF

**tal-ALLEJANZA EWROPEJA GHAD-DIFIŻA TAL-ĦDUD**

***"Flimkien għal ħinijiet xierqa tax-xogħol!"***

**Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa**

*Kull ħaddiem għandu d-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu.*

*Kull ħaddiem għandu d-dritt għall-ħin massimu tax-xogħol, kif ukoll għal ħin ta' mistrieħ matul il-jum u fil-ġimgħa u għal perjodu ta' btala mħallsa fis-sena.*

Artiklu 31 – Charter tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja

Il-jum tal-Ħadd mingħajr xogħol u ħinijiet xierqa tax-xogħol huwa ta' siwi kbir ħafna għaċ-ċittadini fl-Ewropa kollha. Aħna, li ffirmajna din id-dikjarazzjoni, konvinti li ċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropeja għandhom il-jedd li japprofittaw minn ħinijiet xierqa tax-xogħol li bażikament jeskludu xogħol fil-għaxija fit-tard, matul il-lejl kif ukoll fil-festi kmandati u fil-ħdud. Aħna nemmnu li llum il-leġislazzjoni u l-prattika fl-Unjoni Ewropeja u fil-pajjiżi membri tagħha għandhom bżonn iħarsu iżjed is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità ta' kulħadd, kif ukoll iġiebu 'l quddiem b'attenzjoni kbira il-kompatibbiltà bejn il-ħajja tax-xoghol u l-ħajja tal-familja. Aħna nemmnu li l-għaqda soċjali fost iċ-ċittadini tal-Ewropa għandha tissaħħaħ iżjed.

## KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL MHEDDA

Studji empiriċi diġà ppruvaw li ħinijiet tax-xogħol mhux normali jikkaġunaw taħwid fir-ritmu soċjali tal-bniedem u dan għandu konsegwenzi negattivi serji għas-saħħa u għas-sigurtà tal-ħaddiema. Mudelli ta' ħinijiet tax-xogħol irregolari (servizz pront għal kull sejħa, ħinjiet tax-xogħol interrotti, xogħol bix-xift, ħinijiet tax-xogħol mhux soċjali, bħal xogħol ta' bil-lejl jew fil-*weekend*) jistgħu jikkawżaw iżjed stress u mard, kif ukoll assenza mix-xogħol minħabba li wieħed iħoss ħafna li m'għandux kontroll iżjed fuq xogħolu u ħajtu. In-nies, li regolarment jaħdmu nhar ta' Ħadd jew f'ħinijiet irregolari, jagħmlu dan iktar minħabba bżonn finanzjarju milli għax iridu. Sistemi ta' xogħol irregolari, speċjalment meta l-ħinijiet tax-xogħol mhumiex biżżejjed, huma kawża prinċipali tal-ħaddiema fqar ("*working poor*") – fenomenu, li fl-Ewropa qed jikber sew.

## KOMPATIBBILTÀ BEJN IX-XOGĦOL, IL-FAMILJA U L-ĦAJJA PRIVATA

Nhar ta' Ħadd, il-ġenituri u t-tfal jistgħu jgħaddu ħafna żmien flimkien. L-iskejjel huma magħluqa. Skond id-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja rigward "*il-Protezzjoni taż-Żgħażagħ fuq ix-Xogħol*", il-jum tal-Ħadd huwa diġà magħruf bħala l-jum ta' mistrieħ matul il-ġimgħa għat-tfal u għaż-żagħażagħ fl-Unjoni Ewropeja. Ħinijiet tax-xogħol żejda jew irregolari jgħamluha diffiċli jekk mhux impossibbli għall-ħaddiema li jgawdu ħajja tal-familja kif għandha tkun u li x-xogħol tagħhom ikun kompatibbli mad-dmirijiet lejn uliedhom u qrabathom.

## GHAQDA SOĊJALI

Hdud mingħajr xogħol tradizzjonalment isaħħu l-indipendenza tal-bnedmin minn stil ta' ħajja kkawżat minn sens purament ekonomiku. Il-Hdud matul is-sena huma data ta' referenza għall-organiżżazzjoni taż-żmien fil-pajjiż u fis-soċjetà. Minkejja l-bżonn li dejjem jiġu pprovduti servizzi essenzjali ta' interess pubbliku (bħal każi ta' emergenza, tas-saħħa jew servizz tal-pulizija), jum ta' mistrieħ għal kulħadd darba fil-ġimgħa joħloq il-bażi meħtiega għal ritmu ta' żmien kollettiv fil-pajjiżi membri kollha tal-Unjoni Ewropeja. Dan il-jum iservi biex tissaħħaħ l-għaqda soċjali fis-soċjetajiet tagħna. Jum komuni, mħares tajjeb u ħieles mix-xogħol darba fil-ġimgħa jista' jagħti l-aqwa possibilità liċ-ċittadini biex igawdu sehem sħiħ fil-ħajja soċjali u reliġjuża, fl-i*sports* u fil-kultura, u fl-istess ħin jokkupaw ruħhom f'xogħol volontarju u f'attivitajiet tal-għaqdiet. Mingħajr dan il-jum tal-Hadd dawn il-possibiltajiet ta' interazzjoni soċjali u rikrejazzjoni huma kollha mhedda.

## RIŻOLUZZJONIJIET TAL-ALLEJANZA

L-Allejanza Ewropeja għad-Difiża tal-Hdud:

- tappoġġja l-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema, kif ukoll id-dritt tagħhom għall-ħin massimu tax-xogħol u għal ħin ta' mistrieħ fil-ġimgħa, li prinċipalment jinkludi l-jum tal-Hadd;
- tinsisti li l-kuntratti kollettivi rigward l-organiżżazzjoni tax-xogħol jigu rispettati, għax dawn huma essenzjali għall-ftehim soċjali f'soċjetà moderna ewropeja;
- twissi kontra l-pressjoni ekonomika li qed tikber u teqred regolamenti nazzjonali rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol;
- tobbliga ruħha li tiddifendi u taqdi l-għan ta' jum il-Hadd ħieles mix-xoghol kif ukoll ta' ħinijiet xierqa tax-xogħol;
- issejjaħ lill-istituzzjonijiet ewropej biex jipproteġu l-Hadd bhala jum ewlieni komuni ta' mistrieħ matul il-ġimgħa fl-Unjoni Ewropeja;
- issejjaħ lill-Unjoni Ewropeja biex tassigura li l-leġislazzjoni tagħha, kif ukoll ir-regolamenti rigward is-suq intern jiggarantixxu l-post ċentrali tas-saħħa u tas-sigurtà, tal-"*work and life balance*" u tal-għaqda soċjali billi toħloq inizzjattivi addattati li jassiguraw Hdud hielsa mix-xogħol u ħinijiet xierqa tax-xogħol;
- issejjaħ lill-gvernijiet tal-pajjiżi membri biex jieħdu r-responsabbiltà tagħhom bis-serjetà ħalli jtejbu, japplikaw u jwettqu fis-sod il-liġijiet u l-prattika eżistenti, kif ukoll jirrispettaw il-kuntratti kollettivi rigward l-organiżżazzjoni tax-xogħol.

## SEJHA GHAL HIDMA FLIMKIEN

L-Allejanza Ewropeja għad-Difiża tal-Hdud:

- tistieden lis-soċjetà ċivili kollha (familji, organiżżazzjonijiet tal-i*sports*, eċċ..), l-allejanzi nazzjonali u lokali għad-difiża tal-Hdud, l-unjins u min iħaddem b'responsabbiltà soċjali, l-knejjes u l-għaqdiet reliġjużi biex isiru membri ta' din l-Allejanza u jaħdmu flimkien għall-protezzjoni tal-Hdud ħielsa mix-xogħol, kif ukoll ta' ħinijiet xierqa tax-xogħol;
- issejjaħ lill-partiti politiċi demokratiċi kollha biex jappoġġjaw il-ħidma tal-Allejanza u jieħdu l-passi meħtiega fl-istituzzjonijiet demokratiċi u fil-midja għall-protezzjoni tal-Hdud ħielsa mix-xogħol, kif ukoll ta' ħinijiet xierqa tax-xogħol.

*Brussell, 18 ta' Frar 2011*